DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1709

tat-13 ta' Novembru 2020

li taħtar żewġ membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti li saru mir-Repubblika Franċiża u mir-Repubblika Slovakka,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2020.

(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392 li ħatret lill-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u ħassret u ssostitwixxiet d-Deċiżjoni tal-Kunsill li ħatret lill-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 ([2]). Fit-22 ta' Ottubru 2020 u t-30 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta żewġ Deċiżjonijiet oħra li ħatru membri fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 ([3]). Siġġu wieħed għar-Repubblika Franċiża fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u siġġu wieħed għar-Repubblika Slovakka baqgħu vakanti u jeħtieġ li jimtlew b'deċiżjoni sussegwenti ta' ħatra, li tkun tapplika b'mod retroattiv mill-21 ta' Settembru 2020.

(3) Permezz ta' ittra tal-10 ta' Settembru 2020, ir-Repubblika Slovakka pproponiet lis-Sur Juraj SIPKO għall-ħatra bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, sabiex tikkompleta l-lista tal-membri tagħha.

(4) Permezz ta' ittra tat-18 ta' Settembru 2020, ir-Repubblika Franċiża pproponiet lis-Sur Bruno CHOIX għall-ħatra bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, sabiex tikkompleta l-lista tal-membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, elenkati skont l-Istat Membru:

FRANZA

Is-Sur Bruno CHOIX

Union des Entreprises de Proximité (U2P)

SLOVAKKJA

Is-Sur Juraj SIPKO

Director, Institute of Economic Research of the Slovak Academy of Science.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15.

([2]) ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1.

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1555 tat-22 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill- 21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 (ĠU L 355, 26.10.2020, p. 1) u Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1636 tat-30 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill- 21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 (ĠU L 369, 5.11.2020, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-21 ta' Settembru 2020.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH